TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 438/10

**John Zerafa**
**vs**
**Dickens**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija, u ħamsa u sebgħin ewro (€175), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li nkisirlu l-i*screen* wara tlett ijiem.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *mobile phone* Samsung B3410, illi wara ftit jiem li xtrah l-i*screen* kien inkiser u l-*keyboard* ma kienx tas-Samsung.

L-intimat issottometta illi d-*display* kien inkiser u dan juri li kien waqa', u dwar il-*keyboard* li ma kinitx tas-Samsung ma setax jikkonstata għax ma ġabx l-ebda prova.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jikkonkludi illi jekk verament id-*display* kien miksur allura dan kien riżultat ta' xi waqgħa u li għalhekk ma jistax jilqa' t-talba għar-rigward. L-allegazzjoni illi l-*keyboard* ma kienx tas-Samsung, ir-rikorrenti wara żmien jallega jrid jipprova. F'dan il-każ ir-rikorrenti ma ġabx biżżejjed provi biex jikkonvinċi lit-Tribunal.

**Għal dawn il-motivi :**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888